

Brussell, 3 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11116/26

ECOFIN 906
UEM 310
SOC 435
EMPL 237
COMPET 850
ENV 826
EDUC 292
ENER 448
JAI 886
GENDER 123
JEUN 166
SAN 524
ECB
EIB

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politika ekonomika, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarja tad-Danimarka

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill u ffinalizzat mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2026) 204 final.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarji tad-Danimarka

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>).

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jispeċifika l-oġġettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, kif ukoll li jevita defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-oġġettivi u r-rekwiżiti stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (2) Fil-25 ta' Novembru 2025, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2026, li fih ma identifikatx lill-Belġju bħala wieħed mill-Istati Membri li għalih ikun meħtieġ rieżami fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro² fil-21 ta' April 2026 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, u r-Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fid-9 ta' Marzu 2026.
- (3) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-UE matul il-ħames snin li ġejjin. Din tidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi tal-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, u s-sigurtà bħala pilastri kritiċi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Minn mindu ġiet ippubblikata, il-Boxxla għall-Kompetittività informat il-ħidma tas-Semestru Ewropew, li jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-oġġettivi strateġiċi tal-UE, u li jinħoloq approċċ unifikat għall-governanza ekonomika li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza madwar l-Unjoni.

² ĠU C, C/2026/2434, 28.4.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/2434/oj>.

- (4) Fl-2026, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika jkompli jiżviluppa flimkien mal-istadju finali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)³. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), flimkien mal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, kienu essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, peress li l-pjanijiet kienu meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti maħruġa f'ċikli reċenti, u l-programmi ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni Ewropea kienu meħtieġa jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Hekk kif l-RRF toqrob lejn tmiem il-ħajja tagħha, jibqa' essenzjali li jiġu sostnuti u żviluppati r-riformi u l-investimenti appoġġati u implimentati taħt l-RRF, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (5) Fl-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2026 għad-Danimarka. Dan evalwa l-progress li għamlet id-Danimarka fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2025 u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-RRP mid-Danimarka. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed tiffaċċa d-Danimarka. Il-Kummissjoni evalwat ukoll il-progress li għamlet id-Danimarka fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, kif ukoll il-progress biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

³ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>).

- (6) Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill, fuq il-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tad-Danimarka⁴. Il-pjan ikopri l-perjodu mill-2025 sal-2028 u jistabbilixxi restrizzjoni baġitarja fil-forma ta' rata massima ta' tkabbir fin-nefqa netta fuq erba' snin. Il-Kunsill irrakkomanda r-rati massimi ta' tkabbir li ġejjin tan-nefqa netta: 5,0 % fl-2025, 5,7 % fl-2026, 3,8 % fl-2027, u 2,9 % fl-2028, li jikkorrispondu għar-rati ta' tkabbir kumulattiv massimi kkalkulati b'referenza għas-sena bażi tal-2023 ta' 12,6 % fl-2025, 18,9 % fl-2026, 23,5 % fl-2027, u 27,1 % fl-2028.
- (7) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod koordinat biex jappoġġaw l-isforzi tal-UE biex tikseb żieda rapida u sinifikanti fl-infiq fid-difiża⁵ u din il-proposta ntlaqgħet mill-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025. Wara t-talba tad-Danimarka, fit-8 ta' Lulju 2025 il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tippermetti lid-Danimarka tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati tan-nefqa netta⁶. Il-perjodu meta tiġi attivata l-klawżola liberatorja nazzjonali (2025–2028) jippermetti lid-Danimarka tipprijoritizza mill-ġdid in-nefqa tal-gvern jew iżżid id-dħul tal-gvern sabiex in-nefqa fid-difiża, li tkun oġġla b'mod dejjiemi, ma tipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju.

⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tad-Danimarka (ĠU C, C/2025/654, 10 02 2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/654/oj>).

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Nakkomodaw żieda fin-nefqa fid-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", Brussell, 19 3 2025, C(2025) 2000 final.

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025 li tippermetti lid-Danimarka tiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 (Attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali) (ĠU C, C/2025/3963, 20.8.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/3963/oj>).

- (8) Fit-30 ta' April 2026, id-Danimarka ppreżentat ir-Rapport ta' Progress Annwali⁷ tagħha tal-2026 dwar l-aderenza mar-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati tan-nefqa netta.
- (9) It-tkabbir tal-PDG reali fl-2025 kien ta' 2,9 % u l-inflazzjoni tal-HICP kienet ta' 1,8 %. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-PDG reali jikber bi 1,9 % fl-2026 u 1,8 % fl-2027, u l-inflazzjoni tal-HICP ser tkun ta' 1,8 % fl-2026 u 1,9 % fl-2027.
- (10) Fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Eurostat⁸, id-defiċit tal-gvern estiż tad-Danimarka naqas minn 4,5 % tal-PDG fl-2024 għal 2,9 % tal-PDG fl-2025. It-tnaqqis fis-surplus fl-2025 jirrifletti prinċipalment żieda fl-infiq fuq id-difiża. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa sad-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta surplus ta' 0,9 % tal-PDG fl-2026 u 0,5 % tal-PDG fl-2027. It-tnaqqis fis-surplus tal-2026 jirrifletti prinċipalment żieda fin-nefqa, b'mod partikolari fuq id-difiża, kif ukoll xi miżuri ta' dħul.
- (11) Abbażi tad-data pprovduta mill-Eurostat⁹, id-dejn tal-gvern estiż naqas minn 30,5 % tal-PDG fi tmiem l-2024 għal 27,9 % tal-PDG fi tmiem l-2025. Fuq il-bażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jonqos għal 27,0 % sa tmiem l-2026 u li jonqos aktar għal 26,2 % sa tmiem l-2027.

⁷ Ir-Rapporti ta' Progress Annwali 2026 huma disponibbli hawn: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en.

⁸ L-Indikaturi tal-Euro tal-Eurostat, 22.04.2026.

⁹ Il-Eurostat-Indikaturi tal-Euro, 22 ta' April 2026.

- (12) Abbażi tad-data tal-Eurostat¹⁰, in-nefqa totali fid-difiża tal-gvern estiż fid-Danimarka ammontat għal 2,2 % tal-PDG fl-2025, li tikkorrisponi għal żieda ta' 1,0 punti perċentwali tal-PDG meta mqabbla mas-sena ta' referenza 2021. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, hija pprojetata għal 2,6 % tal-PDG fl-2026, li tikkorrisponi għal żieda ta' 1,4 punti perċentwali tal-PDG meta mqabbla mal-2021¹¹.
- (13) L-Unjoni tkompli tiffaċċa riskji ta' interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija u volatilità għolja tal-prezzijiet, aggravati minn tensjonijiet ġeopolitiċi li jaffettwaw is-swieq globali taż-żejt u tal-gass. L-esperjenza mill-kriżi tal-enerġija tal-2022–2023 uriet li miżuri wiesgħa u mhux immirati jinvolvu kostijiet fiskali kbar u huma soċjalment u ekonomikament ineffiċjenti. Minn mindu faqqgħet il-gwerra fil-Lvant Nofsani fi Frar 2026, id-Danimarka ma adottatx miżuri ġodda ta' politika fiskali biex ittaffi l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u d-ditti¹².
- (14) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fid-Danimarka kibret b' 7.3 % fl-2025 u b' 10.9 % b'mod kumulattiv matul l-2024 u l-2025. It-tkabbir tan-nefqa netta fl-2025 huwa projjettat li jkun oġhla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrisponi għal devjazzjoni ta' 1,0 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta hija aktar baxxa mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata¹³.

¹⁰ Il-Eurostat, in-nefqa tal-gvern skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG).

¹¹ Id-definizzjoni tal-infiq fid-difiża tan-NATO hija differenti mid-definizzjoni tad-difiża tal-COFOG. Barra minn hekk, jista' jkun hemm differenzi minħabba ż-żmien tar-reġistrazzjoni tan-nefqa, b'mod partikolari t-tagħmir militari, peress li r-rappurtar tan-NATO ma jsegwix ir-regoli tal-kontijiet nazzjonali għaż-żmien tar-reġistrazzjoni.

¹² Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fid-data limitu tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (4 ta' Mejju 2026).

¹³ Peress li d-Danimarka tibbenefika minn flessibilità skont il-klawżola liberatorja nazzjonali, il-valutazzjoni tal-konformità tiffoka fuq dan it-tqabbil tal-aħħar.

- (15) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fid-Danimarka hija pprojettata li tikber b' 6.7 % fl-2026, u bi 18.3 % b'mod kumulattiv matul l-2024, l-2025 u l-2026. It-tkabbir ipprojetat fin-nefqa netta fl-2026 huwa oġġla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,4 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024, l-2025 u l-2026 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiva pprojettata tan-nefqa netta hija taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata¹⁴.
- (16) L-involvement sistematiku, sinifikanti u f'waqt tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' essenzjali sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (17) L-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) u mill-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE +) fid-Danimarka, hija oġġla mill-pass medju fil-livell tal-UE, kemm f'termini tal-għażla tal-proġetti kif ukoll tal-pagamenti. Huwa importanti li jinżamm il-momentum attwali, filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tal-investimenti fil-prattika. Id-Danimarka diġà qed tiegħu azzjoni taħt il-programmi tal-politika ta' koeżjoni tagħha biex tagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-investimenti l-ġodda identifikati mid-Danimarka fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari dawk marbuta mal-ħames prijoritajiet identifikati fir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu¹⁵, jintużaw malajr u b'mod effettiv.

¹⁴ Peress li d-Danimarka tibbenefika minn flessibilità skont il-klawżola liberatorja nazzjonali, il-valutazzjoni tal-konformità tiffoka fuq dan it-tqabbil tal-aħħar.

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2025/1914 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu.

- (18) Id-Danimarka qed tiffaċċa diversi sfidi relatati mal-innovazzjoni u l-produttività, it-tranżizzjoni tal-enerġija, l-agrikoltura sostenibbli, l-ekonomija ċirkolari u l-ġestjoni tal-iskart, il-ħiliet u l-akkomodazzjoni.
- (19) It-tkabbir tal-produttività għadu kkonċentrat f'għadd żgħir ta' ditti kbar, filwaqt li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għadhom jiffaċċjaw ostakli għall-innovazzjoni u jadottaw teknoloġiji ġodda, speċjalment f'reġjuni barra mir-Reġjun Kapitali, li jenfasizza diffużjoni limitata tal-innovazzjoni fost l-SMEs. Id-Danimarka għamlet progress fit-trawwim tal-innovazzjoni bi ftehimiet politiċi dwar il-finanzjament pluriennali għar-riċerka u l-innovazzjoni u dwar it-tisħiħ tat-trasferimenti tal-għarfien u t-teknoloġija mill-universitajiet għan-negozji. Madankollu, filwaqt li l-miżuri ta' politika reċenti huma pożittivi, dawn mhumiex qed jindirizzaw bis-sħiħ id-dgħufijiet speċifiċi tas-sistema tal-innovazzjoni. It-tisħiħ tal-aċċess għal strumenti ta' appoġġ għall-innovazzjoni aktar immirati u simplifikati, it-tnaqqis tal-frammentazzjoni u tal-piż amministrattiv, it-titjib tad-diffużjoni tal-għarfien bejn l-istituzzjonijiet tar-riċerka u d-ditti, u t-tisħiħ tal-qafas nazzjonali tal-akkwist tal-innovazzjoni jgħinu lill-SMEs jintegraw soluzzjonijiet mill-aktar avvanzati u jipparteċipaw b'mod aktar attiv fl-ekosistemi tar-riċerka u tal-innovazzjoni.
- (20) L-aċċess għall-finanzjament tal-espansjoni huwa kritiku għall-appoġġ tat-tkabbir ta' negozji innovattivi u l-kontribut tagħhom għall-produttività u d-dinamiżmu ekonomiku. Minkejja suq tal-ekwità mdaqqs, l-għadd ta' offerti pubbliċi inizjali huwa baxx, u s-suq huwa ddominat minn għadd żgħir ta' kumpaniji kbar. Fl-istess ħin, l-attività tal-kapital ta' riskju baqgħet ġeneralment stabbli f'dawn l-aħħar snin filwaqt li xi kumpaniji Daniżi kienu qed ifittxu kapital ta' espansjoni permezz tar-rilokazzjoni lejn swieq internazzjonali akbar b'aggregazzjonijiet ta' kapital aktar profondi u oqfsa ta' appoġġ akbar biex jespandu. Dawn jindikaw li hemm lok għal aktar żvilupp tal-ekwità fl-istadju tat-tkabbir u t-titjib tal-kundizzjonijiet għall-offerti pubbliċi inizjali fid-Danimarka biex jiġi żgurat il-kapital għall-espansjoni, l-internazzjonalizzazzjoni u l-innovazzjoni ta' ditti dinamiċi lokali. Mobilizzazzjoni akbar tat-tfaddil tal-unitajiet domestiċi u istituzzjonali fl-investimenti fl-ekwità, inkluż billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet relatati mal-kontijiet Daniżi tal-investment u tat-tfaddil, tgħin biex is-swieq kapitali domestiċi jiġu approfonditi saħansitra aktar u tiżdied il-provvista ta' finanzjament fit-tul.

- (21) Fl-2025, 92.4 % tal-ġenerazzjoni netta tal-elettriku tad-Danimarka ġiet minn sorsi rinnovabbli, li kien l-ogħla perċentwal fl-UE dik is-sena, kif ukoll l-ogħla fl-istorja tad-Danimarka. Wara li ffaċċjat ostakli fil-pjan tagħha għall-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta, fi tmiem l-2025 tħabbru offerti ġodda għall-parks eoliċi lil hinn mill-kosta, li joffru appoġġ mill-Istat lill-iżviluppaturi potenzjali taħt mudell bidirezzjonali ta' kuntratt għad-differenza. Id-Danimarka għamlet użu mill-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa (CISAF). Aktar miżuri biex jiġihaff l-użu tal-enerġija rinnovabbli prodotta lokalment ġew adottati jew imħabbra b'mod kredibbli fl-2025, inkluż b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet mit-Tim Nazzjonali għall-Kriżi tal-Enerġija (NEKST).
- (22) Il-proporzjon għoli ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-ġenerazzjoni tal-elettriku tad-Danimarka jfisser li aktar elettrifikazzjoni fis-setturi kollha tista' tkun lieva qawwija ta' dekarbonizzazzjoni u affordabbiltà tal-enerġija, b'mod partikolari f'kuntest ta' swieq volatili tal-fjuwils fossili. Ittieħed pass sinifikanti fl-1 ta' Jannar 2026, meta t-taxxa fuq l-elettriku għall-unitajiet domestiċi tnaqqset minn 72.7 øre għal 0.8 øre biss għal kull kilowatt-siegħa. Dan huwa żvilupp pożittiv anke minn perspettiva ta' affordabbiltà tal-enerġija, meta jitqies li l-kont tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi Daniżi fl-2025 kien fost l-ogħla fl-UE, l-aktar minħabba t-tassazzjoni. Madankollu, it-tnaqqis tat-taxxa fuq l-elettriku għall-unitajiet domestiċi huwa biss temporanju (għal sentejn). Għall-konsumaturi industrijali, it-taxxi fuq l-elettriku diġà huma fil-biċċa l-kbira rekuperabbli. Sabiex tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha, id-Danimarka tibbenefika mill-promozzjoni ta' aktar elettrifikazzjoni, inkluż billi tadotta strateġija komprensiva ta' elettrifikazzjoni li tistabbilixxi miżuri aktar strutturali u miri settorjali marbuta biż-żmien.

- (23) Minkejja investimenti sostanzjali fil-grilja tal-elettriku f'dawn l-aħħar snin, il-kapaċità tal-grilja tad-Danimarka hija eżawrita minħabba domanda bla preċedent għal konnessjonijiet ġodda, b'mod partikolari minn ċentri tad-data, proġetti Power-to-X u sistemi ta' ħżin tal-enerġija tal-batteriji. Dan ġie għel lill-operatur nazzjonali tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku jissospendi temporanjament (sat-3 ta' Ġunju) il-konklużjoni ta' ftehimiet ġodda ta' konnessjoni mal-grilja u jestendi l-ħinijiet tal-ipproċessar għal proġetti fil-fażijiet ta' skrinjar u maturità. Għalkemm xi miżuri ġew implimentati jew imħabbra b'mod kredibbli biex jindirizzaw din is-sitwazzjoni u jaċċelleraw l-espansjoni tan-network, il-kapaċità tal-grilja x'aktarx li tibqa' skarsa fuq terminu medju. F'dan il-kuntest, id-Danimarka tista' taġixxi biex tnaqqas iż-żminijiet medji tal-ipproċessar għall-approvazzjonijiet ambjentali mill-aġenziji kompetenti, inkluż billi tiżgura livelli adegwati ta' persunal. Id-Danimarka tista' tikkunsidra wkoll miżuri biex tkompli ttejjeb il-ġestjoni tal-kju tal-grilja u l-flessibbiltà tal-grilja, bil-ħsieb li tottimizza l-użu tal-infrastruttura tal-grilja eżistenti. Barra minn hekk, il-konsumaturi tal-elettriku tad-Danimarka jibqgħu esposti għal prezzijiet volatili, b'żidiet qawwija matul perjodi ta' output rinnovabbli baxx meta l-ġenerazzjoni għalja tal-fjuwils fossili hija aktar probabbli li tistabbilixxi prezzijiet marġinali, li jenfasizza l-importanza kontinwa ta' soluzzjonijiet ta' flessibbiltà mhux fossili, bħall-ħżin tal-enerġija u l-ġħodod ta' rispons għad-domanda, biex jiġu bbilanċjati l-provvista u d-domanda fil-perjodi ta' żmien rilevanti kollha u tittejjeb il-flessibbiltà ġenerali tas-sistema.

- (24) Is-settur agrikolu huwa s-sors ewlieni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tad-Danimarka li huma koperti mir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi¹⁶. Il-prattiki agrikoli intensivi qed jikkawżaw ukoll lissija eċċessiva tan-nutrijenti u skular mill-għelieqi, b'riperkussjonijiet serji fuq is-saħħa tal-ħamrija, in-natura, u l-ekosistemi akkwatiċi u tal-baħar. Li s-settur agroalimentari jsir aktar sostenibbli huwa kruċjali biex jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi u tiġi żgurata prosperità sostenibbli. Il-ftehim politiku dwar "Danimarka Ekoloġika", li ntlaħaq fit-18 ta' Novembru 2024, jibqa' l-qafas ta' politika nazzjonali ewlieni li jiggwida l-isforzi f'dan il-qasam. Fl-2025, kull waħda mit-23 konfigurazzjoni tripartitika lokali stabbiliti skont il-ftehim adottat pjan biex iż-żoni agrikoli jiġu kkonvertiti f'natura. Barra minn hekk, intlaħaq ftehim dwar regolament ġdid dwar in-nitroġenu, li jistipula li, mill-2027 'il quddiem, il-kwoti limitati għall-iskariku tan-nitroġenu ser jiġu allokat lill-bdiewa madwar il-pajjiż kollu. Dan il-mudell il-ġdid huwa mistenni li jnaqqas l-emissjonijiet tan-nitroġenu b' 7 900 tonnellata. Filwaqt li tibni fuq dawn il-passi pożittivi, l-implimentazzjoni rapida tal-miżuri miftiehma tibqa' kruċjali biex jiġi żgurat li l-miri klimatiċi u ambjentali stabbiliti fil-ftehim "Green Denmark" jintlaħqu sal-2030. Id-Danimarka tibbenefika wkoll mill-esplorazzjoni ta' sinerġiji mal-azzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fl-att nazzjonali dwar in-natura u l-bijodiversità u diversi obbligi fil-pjan għar-restawr tan-natura.

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2023/857 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u r-Regolament (UE) 2018/1999 (ĠU L 111, 26.4.2023, p. 1-14), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/857/oj>.

- (25) Minkejja l-isforzi reċenti, id-Danimarka għadha qed tiffaċċa sfidi fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari aktar b'saħħitha u fit-titjib tal-politiki tagħha dwar l-immaniġġjar tal-iskart. L-ekonomija Daniża għadha tiddependi ħafna fuq ir-riżorsi primarji u l-materjali importati. Skont l-aħħar data tal-Eurostat, id-Danimarka għandha wħud mill-ogħla volumi per capita ta' skart tal-ikel (2023), skart muniċipali (2024), u skart mill-imballaġġ (2023) fl-UE¹⁷. Barra minn hekk, id-Danimarka tinċinera (irkupru tal-enerġija) l-ogħla volum per capita ta' skart muniċipali fl-UE, ir-rata tal-użu tal-materjal ċirkolari tibqa' taħt il-medja tal-UE, u ma hemm l-ebda xejra 'l fuq ċara fis-sehem tal-iskart muniċipali riċiklat. L-istabbiliment ta' sistema ta' ġbir separat għall-flussi kollha tal-iskart fil-biċċa l-kbira tal-muniċipalitajiet, regoli aktar stretti dwar l-immaniġġjar tal-iskart kummerċjali, riformi biex jiġi liberalizzat is-suq tal-inċinerazzjoni tal-iskart, u skema ġdida ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur għall-imballaġġ huma passi pożittivi iżda hija meħtieġa azzjoni addizzjonali biex jiġi evitat l-iskart muniċipali u tal-imballaġġ, jiżiedu l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali, u l-iskart muniċipali li jista' jerġa' jintuża u jiġi rriċiklat jiġi ttrasferit lil hinn mill-inċinerazzjoni. Ir-rivalutazzjoni u r-reviżjoni li jmiss tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-ekonomija ċirkolari jipprovdu opportunità biex jiġu identifikati inizjattivi ġodda. Dan jista' jinkludi inċentivi għal imballaġġ u disinn tal-prodotti aktar ċirkolari u għal użu akbar ta' materjali sekondarji.
- (26) Fid-dawl tar-rwol kruċjali tal-kapital uman fit-tiżiħ tal-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jindirizzaw b'mod urġenti l-isfidi strutturali relatati mal-kapital uman fl-oqsma tal-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ, li jfixxlu l-kompetittività. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2026 indirizzati lid-Danimarka jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni.

¹⁷ Seba' Stati Membri ma rrapportawx data tal-2024 dwar l-iskart muniċipali u erba' Stati Membri ma rrapportawx data tal-2023 dwar l-iskart mill-imballaġġ.

- (27) Is-suq tax-xogħol Daniż għadu ristrett, b'ċifri baxxi ta' qgħad u forza tax-xogħol li qed tikber; madankollu, tista' tiġi nnotata tendenza lejn żieda żgħira fil-qgħad. L-għadd dejjem jikber ta' ħaddiema huwa prinċipalment fornut minn ħaddiema barranin, ħaddiema akbar fl-età u ħaddiema żgħażaġh; fl-istess ħin in-nuqqas ta' ħiliet u n-nuqqas ta' tlaqqiġh tal-ħiliet jistgħu jżommu lura l-impjiegi u t-tkabbir. In-nuqqasijiet ta' ħaddiema tas-sengħa huwa mifruż f'ċerti professjonijiet tas-saħħa u tal-kura, iżda b'mod aktar prominenti f'setturi li jappoġġaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Għat-tranżizzjoni diġitali, dan jikkonċerna b'mod partikolari l-professjonisti tal-ICT, iżda wkoll il-ħiliet diġitali meħtieġa fil-biċċa kbira tas-setturi. Għat-tranżizzjoni ekoloġika, dan jikkonċerna l-industrija tal-kostruzzjoni u tal-inġinerija ċivili b'mod ġenerali inklużi l-ħiliet meħtieġa għall-bini u r-rinnovazzjoni tad-djar, jiġifieri t-tiżhin, l-iżolament eċċ. iżda wkoll fir-rigward tal-bini ta' proġetti tal-enerġija fuq skala kbira. Filwaqt li ttieħdet xi azzjoni b'riformi biex tiġi żgurata l-adozzjoni rilevanti ta' studenti ġodda fl-iskejjel vokazzjonali, l-għadd għoli u li qed jiżdied ta' dawk li jiġilqu kmieni mill-iskola jżid l-għadd ta' persuni li x'aktarx ma jkollhomx ħiliet bażiċi. In-nuqqas ta' ħiliet huwa aggravat aktar minn inugwaljanzi persistenti fil-kisbiet fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell reġjonali kif muri mir-riżultati miksuba fl-eżamijiet finali wara l-edukazzjoni obbligatorja, b'mod partikolari għal-litteriżmu u n-numeriżmu. Barra minn hekk, biex tindirizza dawn l-isfidi, id-Danimarka għandu jkollha l-għan li tattira għadd akbar ta' għalliema kwalifikati lejn l-iskejjel municiċipali primarji u sekondarji tal-ewwel livell (*folkeskole*).

- (28) Filwaqt li d-Danimarka ħadet passi biex trawwem l-affordabbiltà permezz ta' akkomodazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, il-kostruzzjoni ġenerali tal-akkomodazzjoni jeħtieġ li tiżdied biex tissodisfa d-domanda għolja, b'mod partikolari fiż-żona tal-Kapitali. Il-prezzijiet għoljin għall-akkomodazzjoni okkupata mis-sidien, il-ħinijiet twal ta' stennija għall-akkomodazzjoni mingħajr skop ta' qligħ u l-proċeduri kkumplikati tal-ippjanar u r-regoli dwar l-użu tal-art għal kostruzzjonijiet ġodda wasslu għal nuqqasijiet persistenti fl-abitazzjonijiet li huma affordabbli għall-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx. Parzjalment b'riżultat ta' dan, unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, dawk li jaqilgħu paga waħda u ħafna żgħażaġħ li jgħixu waħedhom, jiffaċċaw kostijiet għoljin tal-akkomodazzjoni meta mqabbla mal-introjtu. Bil-ħsieb li tiżdied il-provvista tal-akkomodazzjoni fil-medda tal-prezzijiet aktar baxxa u b'hekk tiġi żgurata l-affordabbiltà għall-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx, ser ikun importanti li l-passi li diġà ttieħdu biex il-limiti massimi tal-prezzijiet għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni mingħajr skop ta' qligħ jiġu allinjati aħjar mal-prezzijiet tas-suq jiġu ssupplimentati b'azzjoni biex titrawwem il-kostruzzjoni tal-akkomodazzjoni b'mod aktar ġenerali, b'mod partikolari permezz tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-ippjanar u r-rieżami tar-regoli dwar l-ippjanar tal-użu tal-art.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li d-Danimarka tieħu azzjoni fl-2026 u fl-2027 biex:

1. Tkompli taderixxi mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rrakkomandati mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2025, filwaqt li tagħmel użu mill-flessibbiltà skont il-klawżola liberatorja nazzjonali attivata mill-Kunsill. Issaħħaħ l-infiq u l-prontezza ġenerali fid-difiża u s-sigurtà, filwaqt li tiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn u l-effiċjenza fl-infiq, kif ukoll l-adattament gradwali tal-baġit biex issostni nfiq strutturalment oġhla fid-difiża. Tiżgura li l-miżuri li jittieħdu biex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu temporanji, immirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli jew lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet tad-ditti intensivi fl-enerġija, jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija u jiżguraw li l-kost fiskali tagħhom ikun kompatibbli mal-impenji skont il-qafas fiskali tal-UE.
2. Tiżgura l-kontinwità tar-riformi u l-investimenti implimentati fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Issostni l-momentum tal-implimentazzjoni fil-qafas tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni filwaqt li tibni, fejn xieraq, fuq ir-riallokazzjoni għal priyoritajiet strateġiċi u flessibbiltajiet maqbula fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas tal-politika ta' koeżjoni.
3. Tappoġġa lill-SMEs biex jinnovaw u jadottaw teknoloġiji ġodda billi ttejjeb l-aċċess għall-istrumenti ta' finanzjament tal-innovazzjoni, tippromwovi t-tixrid tal-għarfien u ssaħħaħ il-qafas nazzjonali tal-akkwist tal-innovazzjoni. Ittejjeb l-aċċess għall-finanzjament tal-espansjoni permezz ta' tkabbir fis-swieq tal-ekwità u tal-ekwità pubblika, u timmobilizza aktar it-tfaddil domestiku permezz ta' investiment fl-ekwità tal-unitajiet domestiċi u istituzzjonali.
4. Tħaffef il-pass tal-elettrifikazzjoni. Tappoġġa l-aġġornamenti tan-network tal-elettriku meħtieġa fil-livell tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni u l-ottimizzazzjoni tal-infrastruttura eżistenti. Tippromwovi r-rispons għad-domanda, il-ħżin tal-enerġija, u soluzzjonijiet oħra ta' flessibbiltà mhux fossili. Tkompli timplimenta miżuri biex tnaqqas l-intensità tal-attivitajiet agrikoli u tal-biedja. Issaħħaħ l-ekonomija ċirkolari u l-politiki tal-immaniġġjar tal-iskart billi tippromwovi aktar il-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali u skart ieħor.

5. Tindirizza n-nuqqas ta' hiliel biex tissodisfa l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Iżżid l-azzjoni biex ittejjeb il-hiliel bażiċi, tindirizza l-inugwaljanzi fil-kisbiet fl-edukazzjoni u t-taħriġ, tindirizza n-nuqqas ta' għalliema kwalifikati, u tindirizza t-tluq bikri mill-iskola.
6. Iżżid il-provvista tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari fi bliet ewlenin, billi tissimplifika l-proċeduri tal-ippjanar u tirrevedi r-regoli tal-ippjanar tal-użu tal-art biex tiffaċilita l-konstruzzjoni ta' abitazzjonijiet ġodda.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
